# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 8 ta' Jannar, 2024.**

**Numru 13**

**Rikors numru 356/22/1 TA**

**Dr. Aldo Fiorini, Concetta D'Amato, Amanda Mahoney, Lydia Fiorini u Claudette Bundy**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat; u Carmel Galea, għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu provvediment fuq talba tal-atturi biex fl-okkju jiżdied l-isem ta' Josephine Fiorini bħala attriċi *ai termini* tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12. It-talba qed issir bla preġudizzju għar-risposta tal-appell u biex ma jinħeliex ħin bi procedura oħra mibdija mill-istess Josephine Fiorini.

2. L-Avukat tal-Istat oppona għal din it-talba għaliex it-talba ma saritx mill-persuna li qed tintalab tiddaħħal fil-kawża mal-atturi. Iżid li dan ir-rikors hu abbuż tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 li mhux intiż għal tibdil fis-sustanza u wara li tkun ġia ngħatat sentenza fil-konfront tal-partijiet. It-talba tal-atturi mhux għal żieda ta' parti iżda li din il-parti tkun marbuta bis-sentenza tal-Ewwel Qorti.

3. Din it-talba ġiet xprunata min-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat quddiem l-Ewwel Qorti meta rreleva illi l-atturi Lydia Fiorini u Claudette Bundy ma resqux prova meta mietet ommhom Josephine Fiorini li kellha l-użufrutt tal-beni kollha ta' żewġha Serafino Fiorini, missier l-imsemmija atturi u li miet fil-5 ta' Diċembru 2009. L-Ewwel Qorti fil-fatt illikwidat il-kumpens dovut lil dawn l-atturi sa mill-mewt ta' Serafino Fiorini bla ma ħadet qies jekk l-użufrutt favur Josephine Fiorini baqax eżistenti u fl-affermattiv sakemm baqa' bis-seħħ. L-appell inċidentali tal-Avukat tal-Istat hu fil-fatt marbut mal-fatt illi l-kumpens akkordat lill-atturi Lydia Fiorini u Claudette Bundy kien jiddependi fuq jekk kienx hemm użufrutt favur Josephine Fiorini u jekk intemm meta seħħ dan għax kien jinfluwixxi fuq il-kumpens dovut lill-atturi.

4. Il-Qorti taqbel mal-Avukat tal-Istat illi din it-talba tmur lil hinn minn dak li jrid l-Artikolu 175 tal-Kap. 12. Dak li qed jintalab hu li tiddaħħal attriċi ġdida fil-kawza li fil-konfront tagħha ma kien hemm ebda deċiżjoni mill-

Ewwel Qorti, talba li lanqas qed issir minn din it-terza persuna u li sa issa din is-sentenza ma tolqotha bl-ebda mod. Dan mhux sempliċi korrezzjoni ta' okkju iżda żieda ta' parti biex jiġi sanat żball potenzjali u sostanzjali fuq il-mertu tal-azzjoni fil-konfront ta' uħud mill-atturi. Għalkemm fil-kawżi ta' natura Kostituzzjonali daħlet il-prassi ta' inqas riġidità formali proċedurali però dan ma jfissirx li kawża tista' terġa' tibda tiġi kunsidrata fil-mertu fi stadju ta' appell meta l-partijiet għażlu t-triq li jridu jieħdu u għamlu talbiet speċifiċi li jirrigwarda lilhom.

Għalhekk it-talba ma għandhiex tintlaqa'.

***Decide***

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad it-talba tal-atturi sabiex tiddaħħal Josephine Azzopardi bħala attriċi f'din il-kawza. Spejjeż riservati għas-sentenza finali.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm